MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 109/2003

**Salvina *sive* Sylvia Dimech**

**vs**

**Joseph Dimech**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fit-23 ta' Marzu 1974, mill-liema zwieg ghandhom tliet itfal Jonathan u Cecilia, illum maggorenni u Reuben ta' sittax-il sena.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

U illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U illi, ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett; u

L-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat id-digriet tal-affidavit tal-attrici b'terminu ta' sittin (60) gurnata li nghata fis-7 ta' Marzu 2003.

Rat in-nota tal-attrici datata 28 t'April 2003 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess u dak ta' Anne Mary Caruana.

Rat in-nota tal-konvenut Joseph Dimech datata 28 t'April 2003 fejn ipprezenta l-affidavit tieghu stess.

Rat il-verbal tas-seduti tat-13 ta' Mejju 2003 u tal-11 ta' Gunju 2003.

Rat in-nota tal-attrici tal-1 ta' Settembru 2003 li permezz taghha tat ruhha b'notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat ir-rikors konguntiv tal-kontendenti tal-1 ta' Settembru 2003, fejn permezz tieghu filwaqt li ddikjaraw li

m'ghandhomx provi aktar x'iressqu, taw ruhhom b'notifikati u rrinunzjaw ghal kwalsiasi terminu talbu biex il-kawza tithalla ghas-sentenza.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tad-9 ta' Settembru 2003 fejn laqghat it-talba u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-18 ta' Novembru 2003.

Rat li minkejja li gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza l-konvenut baqa' ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-attrici **Salvina Dimech** permezz tal-procedura tal-affidavit xehdet illi:-

*"Jiena u Joseph Dimech izzewwigna fit-23 ta' Marzu 1974. Konna ilna nafu lil xulxin ftit 'il fuq minn sena. Ahna ddecidejna li nizzewgu daqshekk malajr peress li kien hemm problemi bejn il-familji rispettivi taghna. Omm Joseph ma riditnix nizzewweg lil binha u ommi kien jiddispjaciha ghal dan u ghalhekk ta' spiss spiccaw jillitikaw. Nispjega li omm Joseph hija persuna li kellha livell ta' kultura baxx u peress li jiena kont irqiqa hafna, hija kienet tghid lil Joseph "dik mara-ragel, mhux ser jirnexxilek ikollok tfal minnha".*

*Min-naha l-ohra lili kienet tigi tghidli dwar binha, li ma kienx matur u li ma kienx tajjeb biex jizzewweg. Kienet tghidli wkoll li ma kienx kapaci jkollu tfal.*

*Minkejja kollox jiena u Joseph iddecidejna li nizzewgu u ftit zmien wara nemigraw biex naharbu miz-zewg familji taghna. F'dan il-perjodu jiena u Joseph kellna dsatax-il*

*sena. Ahna konna t-tnejn mohh ir-rih u ma qisna xejn qabel izzewwigna.*

*Niftakar li l-gurnata tat-tieg tieghi kienet wahda mill-aktar granet fejn kelli dwejjaq f'hajti. Minhabba l-inkwiet li kellna ahna ma organizzajna xejn. Jiena zzewwigt bi 'trouser suit' u lanqas biss kelli libsa tat-tieg. Mill-familja tieghi hadd ma kien gie l-Knisja, lanqas ommi, peress li kienu kontra dan iz-zwieg. Min-naha ta' Joseph gew hutu, il-genituri tieghu u n-nanna. Pero' waqt ic-cerimonja kien hemm tensjoni kbira u jiena kont qisna sejra ghall-forka mhux nizzewweg. Niftakar li lanqas biss ghamilna quddiesa, izda sempliciment ghamilna r-rit taz-zwieg.*

*Wara li zzewwigna morna nghixu f'post mikri 'furnished' f'Birzebbugia. Omm Joseph mall-ewwel bdiet tilmenta li ahna qed inhallsu hafna flus u li kellna nitilqu minn dan il-post. Hija qaltilna biex jew immorr nghixu ghandha jew inkella mmorru nghixu ghand ommi. Da parti tieghi jiena ridt nibqa' nghix wahdi ma zewgi u ma ridtx li mmur ghand hadd minnhom. Darba minnhom ftit xhur wara li zzewwigna, qabel mort ghax-xoghol Joseph qalli "illum trid tiddeciedi fejn ser immorru noqoghdu, ghax inkella llejla ma ssibnix id-dar". Jiena ergajt ghidtlu li ma ridt immur ghand hadd u ridt nibqa' nghix go dari. Fil-ghaxija wara li rritornajt mix-xoghol, Joseph verament ma kienx id-dar u xid-9:00 p.m. mort l-ghassa naghmel rapport. Mill-ghassa ta' Birzebbugia cemplu l-ghassa ta' Hal-Ghaxaq u pulizija minn hemmhekk ivverifika li Joseph kien qieghed ghand ommu. Omm Joseph kienet qalet lil dan il-pulizija "dan ibni u minn hawn ma jitlaqx qabel ma jigi missieru". F'xi l-11:00 p.m. jiena kont ghadni l-ghassa tal-Pulizija nistenna u gew Joseph flimkien mal-genituri tieghu. Is-Surgent baghat lil omm Joseph 'il barra pero' hi rribellat. Missier Joseph spicca jiggieled ma' martu u kecciha 'l barra wkoll u dak il-hin Joseph infaqa' jibki u qal li ried jigi lura d-dar mieghi.*

*Ftit xhur wara ahna emigrajna lejn il-Kanada. Malli tlajna l-Kanada omm Joseph bdiet iccempillu kontinwament, tibki u tghidlu li missieru ser imut minghajru. Joseph waqa' f'depression u biex jehles minnha kien jghidilha li*

*m'ghandux flus biex jigi lura. Da parti taghha hi baqghet sakemm baghtitilna t-tickets biex nigu lura.*

*Nghid li meta konna gharajjes Joseph kien nervuz ferm, pero' jiena qatt ma rajtu jiehu kalmanti u hadd ma qalli li kellu xi 'depression'. Meta waqa' f'din id-'depression', hu spicca 'hopeless' tant li kellu jaghmel ix-'shock treatments'. Jiena dejjem ghint lil zewgi anke peress li kont naf li huwa spicca f'din is-sitwazzjoni minhabba l-agir t'ommu.*

*Minkejja li konna qed naqilghu hafna flus il-Kanada, ahna spiccajna rritornajna lura wara sena.*

*Ftit wara li rritornajt Malta kelli l-ewwel tarbija. Joseph baqa' bid-'depression' ghalkemm ma kenitx daqstant gravi daqs kemm kienet il-Kanada. Ommu baqghet tindahlilna kontinwament tant li ghamlitilna hajjitna nfern. Hija kienet tigi ghandna u toqghod taqla' l-inkwiet go dari, u b'hekk jiena kont nispicca niggieled ma' Joseph minflok niggieled maghha. Mhux biss, izda meta Joseph kien jitlaq ghand ommu, huwa kien ikun fi stat tajjeb, pero' malli jirritorna lura kien jigi fferocjat. Missier Joseph stess kemm-il darba waqqaf lil martu peress li kienet turtah ukoll. Meta kont tqila bit-tieni tarbija, omm Joseph ippretendiet li ghandna nsemmuha ghal missierha, ladarba jiena kont semmejt l-ewwel tifel ghal missieri (li kien diga' mejjet). Peress li missierha kien jismu Konsu, jiena u Joseph konna ddecidejna li jekk ikun tifel insemmuh Colin, pero' jekk tkun tifla nsemmuha Elaine (peress li ma kienx hemm isem sabih jaqbel ma' Konsu). Meta darba minnhom ghidna b'dan lil omm Joseph, hija kwazi hebbet ghalija waqt li kont f'tarf ta' tarag u bdiet tinsisti li jekk tkun tifla nsemmuha Consiglia. Biex ma nkomplux inzidu ma' l-inkwiet li kellna ahna spiccajna ddecidejna li nsemmuha Cecilia bhala kompromess.*

*Il-problemi bejni u bejn omm Joseph spiccaw aggravaw ferm. Hija sahansitra kienet qalet lil Joseph biex jghaddilix flus ghal hajja peress li, skond hi, ma kontx kapaci mmexxi. Binha fil-fatt spicca ma baqghax jghaddili t-Lm30 fil-gimgha li kien jghaddili qabel u ghalhekk ir-*

*relazzjoni bejni u bejn Joseph iddegenerat kompletament. Zewgi wrieni fic-car li hu kien manipolat minn ommu u li ma kienx kapaci jiddeciedi ghalih innifsu u ghall-familja tieghu, u ghalhekk jiena ddecidejt li ma nkomplix ghaddejja b'din il-hajja. Fuq kollox zewgi ma kienx apprezza s-sagrificcji li kont ghamilt tul hajti fejn issapportjajtu matul is-snin li qatta' b'depression, u ta' dan jiena kien iddispjacieni ferm.*

*Mhux biss, izda bdew ibaghtu t-tfal ukoll peress li Joseph kien jirrifjuta li jixtrilhom sahansitra l-bzonnijiet. Ezempju ta' dan kien il-lista li jkollhom fil-bidu tas-sena skolastika, bhal pitazzi u 'stationery' ohra, kif ukoll irrifjuta li jixtri zarbun iswed ghat-tifla peress li hi kienet tmur b'zarbun kannella u dan kontra r-regolamenti tal-iskola.*

*Jiena tant kont iddejjaqt f'din il-hajja fejn hassejtni semplicement uzata minn zewgi w izolata mill-familjari tieghi, li sahansitra f'hames okkazjonijiet mort bil-karozza Ghar Hasan biex noqtol ruhi b'idejja. Kull darba pero' kont ingib quddiem ghajnejja lil uliedi u kont nerga' lura fuq il-passi tieghi. Darba minnhom kelli xi flus minn assigurazzjoni fuq il-karozza, u f'daqqa ddecidejt li nahrab bit-tifel iz-zghir. Jiena mort lura l-Kanada minghajr ma ghidt lil hadd, la lil ommi u lanqas lil huti. Malli wasalt il-Kanada cempilt lil hija biex jigi ghalija l-ajruport. Kelli l-intenzjoni li mmur hemmhekk biex nibqa' hemmhekk pero' jiena ddecidejt li nirritorna lura wara ftit gimghat, anke minhabba z-zewgt itfal l-ohra.*

*Meta rritornajt jiena u Joseph iddecidejna li nisseparaw u fil-fatt minn dak iz-zmien sal-lum qatt ma ergajna rrikonciljajna. Illum-il gurnata Joseph ghadu jbaghti b'depression ghalkemm ikkontrollata. Min-naha l-ohra jiena ssetiljajt fil-hajja, nahdem, ghandi d-dar tieghi u niehu hsieb il-bzonnijiet tat-tifel iz-zghir li ghadu jghix id-dar".*

Illi gie pprezentat ukoll l-affidavit ta' **Anne Mary Caruana**, habiba antika ta' l-attrici Sylvia Dimech li kkonfermat li l-attrici mill-bidu nett tar-relazzjoni taghha mal-konvenut kienet qaltilha li omm il-konvenut kienet tindahlilha f'kollox

u fil-fatt din kienet r-raguni ghaliex l-partijiet iddecidew li jizzewgu wara ftit zmien. Izda l-indhil ma jidhirx li waqaf hawn ghaliex ghalkemm il-kontendenti ddecidew li jemigraw lejn il-Kanada huma kienu kostretti jigu lura minhabba l-insistenza ta' omm ir-ragel. Hawn l-istess xhud tirrepeti l-istorja tal-attrici li l-konvenut ma kienx bniedem responsabbli *stante* li kien izomm lill-attrici u lil uliedu nieqsa mill-bzonnijiet essenjzali, tant li gieli x-xhud taghtha xi flus; bid-disperazzjoni l-istess attrici kienet harbet minn Malta bla ma qalet lil hadd u marret il-Kanada, izda rritornat u bdiet il-proceduri ta' separazzjoni u l-partijiet ilhom hekk separati ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin.

Illi min-naha tieghu l-konvenut **Joseph Dimech** ukoll permezz tal-affidavit sostna illi:-

*"Jiena ltqajt ma' marti Sylvia fl-1972 fil-festa ta' Santa Katerina taz-Zejtun. Jiena kelli tmintax-il sena u hi kienet hames xhur izghar minni. Minhabba li l-familjari taghna ma kienux jaqblu, Sylvia kienet insistiet li ahna nizzewgu biex nibqghu flimkien u nsiefru lejn il-Kanada. Ghalhekk wara biss sena u hames xhur ahna konna zzewwigna. Dan kien fit-23 ta' Marzu 1974.*

*Wara li zzewwigna konna krejna 'flat' f'Birzebbugia u morna nghixu fih. Wara anqas minn sena li zzewwigna ahna konna emigrajna lejn il-Kanada. Jiena kont nahdem bhala 'welder' u Sylvia f'funderija. Hemmhekk jiena kont waqajt f'depression u sahansitra kelli niehu x-'shock treatment' fl-Isptar Saint Joseph. Sylvia f'dan il-perjodu dejjem kienet iddur bija. Minhabba fis-sitwazzjoni medika tieghi u minhabba l-fatt illi jiena kont qed nimmissja lill-familjari hafna, fuq parir mediku ta' Dr. Martin, kelli nirritorna lura Malta wara sena. Sylvia ma kenitx hadet pjacir b'din id-decizjoni izda xorta wahda rritornat lura mieghi lejn Malta. Marti telqet mill-Kanada tqila b'Jonathan li twieled Malta fit-22 t'Ottubru 1976.*

*Meta rritornajna Malta r-rapport ta' bejnietna beda sejjer ghall-aghar. L-imhabba ta' bejnietna bdiet titmermer ftit ftit. Kien hawnhekk li jiena bdejt ninduna li r-rapport ta'*

*bejnietna qatt ma kellu bazi soda izda z-zwieg taghna kien mibni fuq affarijiet materjali u gibdiet fizici li jkollok meta tkun ghadek zaghzugh b'mohh ir-rih. Nista' nghid li z-zwieg taghna kien mibni fuq ir-ramel. Jiena f'dan il-perjodu kelli diversi 'jobs' u mbaghad sibt impjieg fiss mal-Gvern.*

*Minkejja s-sitwazzjoni ta' bejnietna ahna kellna t-tieni tarbija taghna Cecilia li twieldet fl-1 ta' Jannar 1978.*

*Sylvia kienet haditha kontra l-genituri tieghi li ahna konna rritornajna lura lejn Malta. Hija ta' spiss kienet tillitika mieghi quddiem il-genituri tieghi, u dan kienet taghmlu biex turihom illi hi m'ghandhiex pjacir bihom. Sylvia bhala karattru kienet rasha iebsa u mhux dejjem kien jirnexxili nikkomunika maghha. Bejnietna kienet qed tikber in-nuqqas ta' komunikazzjoni u t-tnejn li ahna bdejna nibirdu fil-konfront ta' xulxin u r-rapporti ntimi ta' bejnietna bdew jonqsu hafna. Gieli konna naghmlu perjodu trankwilli u sahansitra jiena kont urejtha x-xewqa tieghi illi jkollna tarbija ohra. Fl-1 ta' Jannar 1987 twieled it-tielet tarbija taghna Reuben Benjamin.*

*Jiena kont hsibt li t-twelid ta' din it-tarbija kienet ser terga' tghaqqadna izda dan ma kienx hekk. Sylvia sahansitra kienet bdiet toggezzjona ghall-fatt li jiena kont immur il-Knisja kuljum u kont inkun ta' spiss mal-Kappillan Dun Pawl. Jiena din il-haga kienet tweggaghli hafna s-sentimenti tieghi peress li kont nipprova nghix dawk il-valuri li kienu rawmu fija ommi u missieri.*

*Nista' nghid li jiena kont inbaghti b'kundizzjonijiet ta' 'phobias' u 'depression' tul perjodu twil miz-zwieg. Dawn il-kundizzjonijiet kienu jigu u jmorru. Jiena kont niehu diversi kuri u pilloli. Sylvia minn dejjem kienet taf b'din il-kundizzjoni tieghi sa minn qabel ma zzewwigna u anke ommi kienet twissiha li jiena ma kontx tajjeb ghaz-zwieg.*

*Fl-4 ta' Dicembru 1992 kont mort lura d-dar ma' Jonathan u Cecilia u skoprejna li Sylvia kienet telqet lejn il-Kanada bit-tifel Reuben Benjamin minghajr ma kienet qaltilna xejn. Jiena dak il-hin hassejt qisu d-dinja taqa' fuqi. Jiena u t-*

*tfal ippruvajna nikkuntattjawha sabiex tigi lura Malta izda hi kienet qaltli sabiex jiena naqbad triqti u hija taqbad taghha. Minn dakinhar 'l hemm jiena ma smajtx aktar biha. Sirt naf illi Sylvia kienet irritornat lura Malta wara ftit gimghat, jiena kont ippruvajt nikkomunika maghha izda hija ma riditx taf. Nista' nghid li jiena f'din is-sitwazzjoni kont ergajt waqajt f'depression qawwija hafna.*

*F'Jannar tas-sena 1993 konna dhalna l-Qorti ghas-separazzjoni u ghamilna separazzjoni bonarja fit-13 ta' Lulju 1994 b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Marco Farrugia. Minn dak iz-zmien sal-lum jiena u Sylvia qatt ma kkomunikajna aktar ma' xulxin. Bi ftehim bejnietna Sylvia hadet il-kura u kustodja ta' Reuben u z-zewgt itfal l-ohra kienu ddecidew li jibqghu mieghi".*

## (ii) PRINCIPJI LEGALI.

### (A) IL-KAWZA ODJERNA

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tallega li z-zwieg taghha mal-konvenut celebrat fl-23 ta' Marzu 1974 jigi dikjarat null u bla effett *stante* li hija qed tallega li l-kunsens taghhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll; li l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi qabel xejn il-Qorti tosserva li minkejja li l-konvenut huwa kontumaci xorta wahda din il-Qorti hi obbligata li tezamina l-provi sabiex tara jekk dak allegat mill-attur jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi. Iz-zwieg hu istituzzjoni ferm importanti ghall-istabbilita` socjali; zwieg debitament registrat skond id-dispozizzjonijiet relattivi tal-**Kodici Civili** hu presunt validu sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju; u anke li kieku hawn *si tratta* ta' ammissjoni ghal kollox u bla ebda kondizzjoni tat-talba attrici (**Art. 158 (2) Kap 12**) din il-Qorti ma tkunx ezonerata f'kaz ta' kawza ghall-annullament taz-zwieg milli tisma' l-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (**"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa**

**Camilleri"** – P.A. (VDG) - 3 ta' Ottubru 1995 - Cit. Nru. 1264/94).

**<u>(B). LIGI U GURISPRUDENZA.</u>**

Illi dawn il-premessi huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` **l-Att dwar iz-Zwieg** u jinqraw hekk kif gej:-

**Artikolu 19 (1)** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

***(d)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

***(f)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi rigward l-**Artikolu 19(1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira ta' eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti f' **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A.- 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat li l-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera

rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi f' **"Cali vs Dr. Albert S. Grech"** (P.A. - 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali.

Illi f' **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*

Illi f' **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. –14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni hekk:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et", (**Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Ottubru 1884, Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita, ma una simulazione, cioe` 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19(1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.

Illi rigward l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f' **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala l-komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta` tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta` u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati ukoll f' **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. 30 ta' Jannar 1991) u f' **"Grech vs Grech"** (P.A. 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u cjoe' il-*Consortium Vitae* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f' **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994): *"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'Consortium Vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja".*

Illi l-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina il-premessa l-ohra tal-attrici u cjoe' **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ill ghar-rigward tal-**artikolu 19 subinciz (1) paragrafu (d)** mill-provi migbura jirrizulta illi l-kontendenti fl-ebda mument ma kkunsidraw il-valuri u l-principji tal-hajja

mizzewga. ***Dr. Abigail Attard*****,** (illum il-Magistrat Abigail Lofaro) fit-tezi taghha **"*Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature in the light of the 1981 Amendments to the Marriage Act 1975*"** tghid illi d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"suppose not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* (pg 42).

Illi mhux bizzejjed li tkun taf x'inhu z-zwieg izda jrid ikun hemm ukoll il-maturita` li tippermetti persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha hajja mizzewga.

Illi cirkostanzi simili ghal dan il-kaz kienu fil-kaz **"Tabone vs Tabone"** (P.A. 7 ta' Lulju 1995). Il-Prim' Awla ddikjarat zwieg null fuq, *inter alia*, **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**, liema Qorti nterpretat id-decizjoni tal-attur biex jizzewweg hekk:-

*"Illi l-importanza li huwa ta lit-tqala tal-konvenuta, tindika li hu ma kien xejn liberu fl-ghazla tieghu ghalkemm probabbilment lanqas kien irrealizza b'dan; illi inoltre jigi osservat illi z-zwieg tal-kontendenti gie organizzat u deciz biss fi tliet gimghat u dan jindika li certament il-partijiet ma ghamlu ebda valutazzjoni serja ta' dak li kienu sejrin jidhlu ghalih; qabel ma saru jafu bil-gravidanza tal-konvenuta huma bl-ebda mod ma tkellmu dwar iz-zwieg jew dwar il-hajja taghhom futura".*

Illi fil-kaz **"Giordimaina vs Giordimaina"** (P.A. 31 ta' Jannar 1995) il-Qorti qalet hekk:-

*".......... ghalkemm kien ilhom zmien flimkien, ma kinux jafu lil xulxin bizzejjed; fl-immaturita' taghhom ma hasbuhiex darbtejn biex jghaddu ghaz-zwieg meta sfortunatament ghalihom u l-aktar ghall-kreatura illi twieldet (il-konvenuta kienet harget incinta qabel iz-zwieg anke skond ma jidher mill-istess certifikat esebit) sabu ruhhom f'cirkostanzi li wassluhom biex jaghtu l-kunsens*

*taghhom minghajr ma jkunux hasbu bis-serjeta fuq dak li kienu qeghdin jaghmlu".*

Illi kif gie spjegat tajjeb fil-kawza **"Spiteri vs Spiteri"** (P.A. – 4 ta' Novembru 1994):-

*"B'difett serju ta' diskrezzjoni l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. In-nuqqas ta' "discretio judicii" hu kuncett guridiku nterament marbut mall-kapacita ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u kuxjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg".*

Illi kaz simili kien **"Portelli vs Portelli"** (P.A. – 14 ta' Awissu 1995) fejn koppja zzewget ghax it-tfajla nqabdet tqila u l-Qorti qalet:-

*"........ l-espressjoni "hassejtni dahri mall-hajt" (.....) tirrispekkja dak il-konflitt intern fil-konvenut li jipprivah minn dik il-liberta nterna mehtiega sabiex ikun jista' jaghti mhux biss kunsens hieles izda wkoll kunsens ponderat dwar l-oggett tal-kunsens matrimonjali u cjoe' dwar id-drittijiet u d-doveri essenzjali tal-hajja mizzewga".*

Illi issir referenza wkoll ghal dak li ntqal fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (P.A. (Q.K.) 7 ta' Lulju 1994) li tikkonferma li fil-kaz odjern l-elementi hemm imsemmija kienu mankanti. Il-Qorti kienet qalet:-

*"… illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta`*

*taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta` u l-assistenza, l-unita` u l-indossolubbilta` taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza* ***"Micallef vs Micallef"*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi din il-Qorti kellha diversi drabi okkazjonijiet sabiex tidhol fid-dettal fl-**artikli 19 (1) (d) u (f)**. Illi a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghas-sentenza **"Ahmed Al Halel vs Karen Portelli"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 – Cit. Nru: 134/00/RCP) u **"Isabelle Muscat vs James Muscat" –** (P.A. (RCP) 30 ta' Jannar 2003) u abbazi tal-istess gurisprudenza w awturi hemm ikkwotati tasal ghall-konkluzjoni li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti kien vizzjat *ai termini* ta' l-**artikoli 19(1) (d) u (f)** minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg nahat.

**(ii)** **<u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu meta kellhom biss dsatax il-sena (19) kull wiehed u dan sar minnhom wara li kien ilhom cirka sena u fuqha li kienu ilhom jafu lill-xulxin, pero' jidher li din l-eghrusija taghhom, jekk tista' tissejjah hekk, kienet karatterizzata minn inkwiet bejn il-familjari taghhom *stante* li jidher li omm il-konvenut assolutament kienet toggezzjona ghar-relazzjoni tal-konvenut mal-attrici, fil-waqt li minhabba li omm l-attrici kienet konxja ta' dan, din minn naha l-ohra kienet tilmenta maghha dwar dan, tant li spiss kienu jillatikaw.

Illi minhabba dan il-partijiet malajr sabhu risposta ghall din l-oppozizzjoni *da parte* ta' omm il-konvenut, u din kienet li sabiex jehilsu minn dan il-konflitt mal-genituri taghhom, huma ddecidew li jizzewgu, u dan meta jidher car li kienu

ghadhom lanqas bdew biex jifhmu l-kuncett tal-hajja mizzewga u l-obbligi li l-istess iggib maghha.

Illi in fatti n-nozzjoni taz-zwieg hija ntimament konnessa mal-kuncett tal-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vite"* li tikkomprendi z-zewgt elementi ta' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Infatti fis-sentenza **"Magri vs Magri"** (P.A. 14 ta' Lulju 94) intqal:-

*"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja".*

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li din is-sitwazzjoni, li l-partijiet sforz l-immaturita' taghhom lanqas biss kienu kapaci f'dak iz-zmien jikkumbattu, kienet hafna iktar serja milli wiehed jista' jimmagina, u dan jirrizulta car minn ezami akkurat tax-xhieda tal-attrici riprodotta testwalment f'din is-sentenza, sabiex wiehed jara u jezamina b'ghajnejh, il-hsara li tista' ssir b'indhil esegerat tal-genituri fuq l-ulied, specjalment meta wiehed jipprova jinfluwenza d-decizjonijiet taghhom b'forza morali persistenti, li tista' wkoll twassal ghall konsegwenzi serji, inkluz li inkonxjentosament timbotta lill-istess ulied, alavolja maggoreni biex jiehdu decizjonijiet manifestament zbaljati, bl-iskop li huma johorgu jew jaharbu minn tali pressjoni u inkwiet.

Illi dan qed jinghad ghaliex apparti li r-raguni ghaliex il-partijiet izzewgu kienet hafna il-boghod minn dak essenzjalment rikjest ghal din l-ghaqda fiz-zwieg, unjoni li fil-ligi taghna hija monogoma, permanenti w indissolibbli, u fil-fatt jidher li kien nieqes minnhom dik ix-xewqa ghall-hajja komunali bejniethom ad esklussjoni ta' terzi persuni, huma minn huma, f'dan il-kaz jirrizulta li l-intromissjoni tal-istess omm l-konvenut tant kienet serja, li l-partijiet wara ftit taz-zmien flimkien kienu ddecidew li sabiex jevitaw dan kollu huma jemigraw lejn il-Kanada. Izda jidher li lanqas dan ma kien sufficjenti ghaliex bis-sewwa u bid-dnewwa, l-istess fuq insistenza tal-istess omm il-konvenut, l-istess

konvenut ceda, u pperswada lill-attrici sabiex jergaw jirritornaw Malta.

Illi hawn johrog ukoll car li l-karattru tal-konvenut kien, u jista' jkun li ghadu wiehed dghajjef ghaliex jidher li huwa kien dominat minn ommu, tant li anke kawza tal-istess pressjoni li ommu kienet taghmel fuqu, anke b'eluf ta' mili l-boghod minnha meta l-partijiet kienu l-Kanada, huwa minghajr l-intervent u l-kuntatt maghha kien jaqa' f'dipressjoni serja, li jista' jkun li saret kronika; fuq kollox jidher li huwa qatt ma waqaf ghall-istess indhil ta' ommu u spiss fir-relazzjoni tieghu mal-attrici kien iddahhal lil ommu sabiex tiddeciedi ghalih, fatt li fil-fatt kompla johloq konflitt bejnu u bejn martu, u bejn l-istess attrici u omm l-konvenut.

Illi ghalhekk jidher li d-dwejjaq li kellha l-attrici anke dakinhar tat-tieg kien iktar minn gustifkat ghaliex jidher car li hija kienet konxja tal-fatt li hija zzewget lill-konvenut sabiex minghaliha tahrab mill-istess indhil tal-kunjata taghha, haga li in verita' hija ma rnexxilhiex taghmel tul ir-relazzjoni taghha mal-konvenut; kienet fil-fatt raguni zbaljata li fuqha tibbaza li tizzewweg lill-konvenut, u fuq kollox dan jimmilita kontra d-deskrezzjoni necessarja sabiex wiehed jaghti l-kunsens tieghu validament ghaz-zwieg.

Illi fil-fatt minn kif mexa l-istess zwieg, jirrizulta wkoll li l-biza' tal-attrici kienet ben fondata ghaliex l-konvenut qatt ma setgha jissodisfa l-obbligi tieghu tar-ragel, ghaliex jidher car li huwa kien jipprova jikkuntenta kemm lill-martu u kemm lil ommu, u l-kuncett ta' komunjoni bejn il-konjugi fil-hajja mizzewga kienet kuncett inkoncepibbli ghalih, ghaliex qatt ma hareg minn taht l-influwenza ta' ommu, u fil-fatt kull inkwiet li kien jiltaqa' mieghu, jista' jkun mahluq ukoll min-nuqqas ta' karattru tieghu, huwa kien mill-ewwel jirrikorri ghand ommu, u b'hekk jidher car li anke fil-kaz tal-konvenut huwa kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga, u ma kienx kapaci fil-mument taz-zwieg li jiddedika ruhhu ghal martu bl-eskluzjoni ta' kull persuna ohra, almenu ghal dak li jirrigwarda l-kuncett u l-elementi essenzjali taz-zwieg. L-attrici ma setghatx tiflah

ghal dan kollu u fil-fatt sa waslet biex harbet minn Malta u giet biss sabiex tissepara mill-konvenut, tant li l-partijiet ilhom issa cirka ghaxar (10) snin separati.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess jinghad li hemm raguni ghaliex l-istess zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi ddikjarat null abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn l-kontendenti tat-23 ta' Marzu 1974 huwa null u bla effett skond id-dispozizzjoni tal-Ligi u senjatament abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------